SANTA LUĊIJA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 49-18**

**30 ta' Ottubru 2018**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Joe Bonello – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Il-Kunsillieri Caroline Galea u Liam Sciberras infurmaw lill-Kunsill li ma setgħux jattendu għall-Laqgħa

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**49.1** **Qari ta' ittri ta' apoloġiji**
Is-Sindku qara ittri ta' apoloġiji tal-Kunsillieri Caroline Galea u Liam Sciberras.

**49.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 47-18**

**49.2.1** ***Skart Industrijali fi Triq il-Qoton***
Il-Viċi Sindku irrefera għall-minuta 47.2.3 u staqsa jekk kinitx inbagħtet l-ittra lill-operaturi tan-negozju fi Triq il-Qoton. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li bagħtet l-ittra u l-operaturi iffirmaw għaliha.

**49.2.2** **Kwotazzjoni biex jinxtraw u jitwaħħlu ħames *bollards* fl-entratura ta' Ġnien is-Serenita'.**
Il-Viċi Sindku irrefera għall-minuta 47.3.2 u qal li l-*bollards* fl-entratura tal-Ġnien ġew sbieħ ħafna. Qamet diskussjoni dwar il-katini u l-Kunsill qabel li jsiru katini bejn il-*bollards* kollha.

**49.2.3** ***Attivita' b'risq l-Istrina fil-Ġnien Ċiniż***
Il-Kunsillier Bonello irrefera għall-minuta 47.4.4 u staqsa jekk instabux *sponsors* għall-attivita li ser issir b'risq l-Istrina. Is-Sindku qal li għalissa għad ma nstabux *sponsors* u qal li l-ispejjeż involuti huma biex tintrama tinda, *stage* u s-*sound*. Il-Viċi Sindku talab li l-Kunsill ikollu stima tal-ispiża nvoluta.

**49.2.4** ***CCTV Cameras***
Il-Viċi Sindku rrefera għas-*CCTV Cameras* li saru fil-Playing Field Area u staqsa għall-*IP Address* li kellu jingħata lill-Kunsilliera biex ikollom aċċess minn fuq il-*mobile*. Is-Sindku qal li min kien inkarigat jinsab imsiefer u jiġi lura l-ġimgħa d-dieħla.

**49.2.5** ***Yellow lines quddiem drive in fi Triq Katerina Vitale***
Il-Viċi Sindku irrimarka li dawn għadhom ma sarux. Is-Sindku ta ordni biex l-għada jmorru l-ħaddiema u jagħmluhom.

**49.2.6** **Measure 4 – Development of Green Infrastructure**
Is-Sindku qal li l-applikazzjoni ma saritx għax il-BOQ ma tlestiex fil-ħin. Il-Viċi Sindku qal li meta jkun hemm applikazzjonijiet simili l-Kunsill għandu jqabbad servizz privat.

**49.2.7** ***Proġett tal-Promenade f'Dawret it-Torri u Triq Prinjoli***
Il-Kunsillier Bonello irrefera għal minuta 47.8 u talab spjegazzjoni dwar il-*bicycle lane* li qed jiġi propost**.** Is-Sindku nfurmaħ li l-*bicycle lane* ġej fuq in-naħa tat-triq. Il-Viċi Sindku qal li s-*survey* li ser isir fuq dan il-proġett ġie sponsorjat mill-Malta Tourism Authority u diġa ntbagħtet ittra ta' ringrazzjament f'dan ir-rigward.

**49.2.8** **Approvazzjoni tal-Minuti**
Il-Minuti tal-Laqgħa numru 47-18 ġew approvati mill-Kunsill.

**49.2.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 48-18**

**49.2.10 *Kumment mill-Viċi Sindku***

Il-Viċi Sindku qal li l-Aġenda ta' din il-laqgħa kienet waħda politika.

**49.2.11 Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 48-18 ġew approvati mill-Kunsill.

**49.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**49.3.1 *Kwotazzjoni għall-installazzjoni ta' three phase cable fi Ġnien is-Serenita'***

Il-Kunsill ma approvax kwotazzjoni għall-installazjoni ta' *three phase cable* fi Ġnien is-Serenita'. Fuq proposta tal-Viċi Sindku ġie deċiż li jitħejja BOQ mill-perit biex jinġabru l-kwotazzjonijiet**.**

**49.3.2 *Kwotazzjoni għal Tiżjin tal-Milied***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li fir-rigward tal-avviż li sar fuq il-gazzetta tal-Gvern biex jinġabru kwotazzjonijiet għal tiżjin ta' toroq bid-dwal tal-Milied, ġiet sottomessa kwotazzjoni waħda biss. Il-Viċi Sindku staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv dwar il-*Budget* għal din in-nefqa u s-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*budget* ser jinqabeż. Il-Kunsill iddiskuta din il-kwotazzjoni li ġiet approvata.

**49.3.3 *Kwotazzjoni għal xiri ta' festun***

Is-Sindku ressaq kwotazzjoni biex isir festun bil-kliem – Il-Milied u s-Sena t-Tajba. Il-Kunsill approva din l-ispiża li tammonta għas-somma ta' €500.00.

**49.3.4 *Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM49-18 għall-perjodu bejn it-28 ta' Settembru 2018 sad-29 ta' Ottubru 2018 u minn *cheque* numru BOV 7367 sa *cheque* numru BOV 7382.

**49.4 Kommunikazzjonijiet**

**49.4.1 *Dwal tal-Milied fi Pjazza 7 ta' Lulju***

Is-Sindku tkellem dwar proposta li ssir siġra tal-Milied, iffurmata mid-dwal, fuq il-vaska fi Pjazza 7 ta' Lulju. Huwa qal li qed jipprova jġib *sponsor* biex ikopri l-ispiża nvoluta. Qamet diskussjoni u ssemmew diversi idejat ta' kif il-Kunsill jista' jorganizza attivitajiet fil-Pjazza f'dawn il-ġranet ta' festi. Il-Kunsill qabel li għandu jkun hemm il-parteċipazzjoni tal-korijiet tat-tfal u kbar. Is-Sindku ppropona li tintbagħt ukoll *electronic* Christmas Card u l-Kunsill qabel. Il-Kunsill qabel ukoll li ssir inizjattiva biex in-nies iżejnu twieqi u galleriji u jirreġistrawhom il-Kunsill biex min jipparteċipa jingħata memento tal-parteċipazzjoni. Il-Kunsill qabel ukoll li jagħmel kalendarju għas-sena 2019 bl-avviżi tal-Kunsill dwar servizzi u attivitajiet.

**49.4.2 *Attivita b'risq l-Istrina 2018***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kellu laqgħa mas-CEO tal-President ta' Malta fejn dan talbu biex il-Kunsill jgħin lill-Istrina billi jixtri ktieb interessanti fuq il-Belt Valletta liema ktieb ikun iffirmat mill-President ta' Malta. Dan il-ktieb għandu jintuża fil-librerija pubblika. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u qabel ukoll li jirreklama dan il-ktieb mar-residenti.

**49.4.3** ***Installazjoni tas-CCTV***

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera lis-sistema tas-CCTV issa hija nstallata. Il-Kunsill qabel li meta jkollna l-*IP Address* dan għandu jingħata wkoll lill-pulizija.

**49.4.4** **Cirkulari SPI 12-2018 – Skema Finanzjarja Favur il-Komunita' – Ħajja Aħjar b'Eżerċizzju Fiżiku u Sport**

Is-Sindku refera għaċ-Ċirkulari hawn fuq imsemmija u qamet diskussjoni u ssemmew diversi proposti li jistu jsiru taħt din l-iskema. Il-Kunsill qabel li l-applikazzjoni tkun tirrigwarda anzjani 60+ u l-Kunsill għandu jinvolvi lill-Santa Luċija Fitness Club billi ssir kordinazzjoni tas-servizzi offruti f'dan il-Klabb.

**49.4.5** ***Bonġu Bus fil-Lokalita'***

Is-Sindku nforma l-Kunsill bi proposta ta' inizjattiva Bonġu Bus. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u bħala sit għażel Dawret it-Torri quddiem il-ħwienet.

**49.4.6** ***Ilmenti u Suġġerimenti***

**49.4.6.1** Dwar suġġeriment numru 48-2018 il-Kunsill qabel li l-*enclosure* li hemm f'Wied Garnaw għandha titneħħa mill-kuntrattur li qed jagħmel xogħol ta' kisi ta' toroq f'Wied Garnaw. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha tiġi *embellished* l-*area* b'bankijiet u għamara tat-toroq oħra.

**49.4.6.2** Dwar suġġeriment numru 51-2018 il-Kunsill qabel li għandha issir talba lill-Transport Malta biex titneħħa l-*parking bay* li ttieħdet għal GoTo *parking space* fi Triq Maria De Domenicis u din tiġi trasferita f'Dawret it-Torri fil-*parking bay* ta' quddiem l-għassa tal-Pulizija li hija aktar ċentrali. Il-Kunsill qabel ukoll li ninflok, isiru żewġ parkeġġi għal muturi.

**49.4.6.3** Dwar ilment numru 55-2018 il-Kunsill qabel li dan l-ilment għandu jiġi riferut lill-Transport Malta

**49.4.6.4** Dwar ilment numru 56-2018 ser isir *patching* mill-ħaddiema assenjati mill-Kunsill

**49.4.6.5** Dwar ilment numru 57-2018 il-Kunsill qabel li jsir *railing* fit-turġien fi Triq Għeneb id-Dib

**49.5** **Kuntratt SLLC(RMFP) (57-18-04) Road Maintenance Work**

Is-Sindku irrefera għal proċess tal-kumitat ta' evalwazzjoni tas-sejħa hawn fuq imsemmija. Huwa qal li l-kumitat għandu ftit tad-diffikulta' dwar ir-rati peress li din kienet l-unika offerta li ntefgħet u ma tistax tagħmel paragun ma' rati oħra. Huwa qal li l-Kumitat qed jara kif l-aħjar mod li jipproċedi u fil-ġranet li ġejjin il-Kunsill ser ikompli b'aġġudikazzjoni tal-unika offerta li ntefgħet għal din is-sejħa.

**49.6** **PC Application - PC 0087/18 – Zoning of Public Open Space**

Il-Kunsill iddiskuta il-proposta hawn fuq imsemmija. Is-Sindku qal li l-aktar ħaġa li tinkwetah hija l-fatt li ser ikun hemm nuqqas ta' *parking*. Il-Kunsill qabel li jiltaqa' mal-iżvilluppaturi dwar din il-proposta.

**49.7** **Bus Terminus Triq Ġuljetta Lopez**

Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li kellu ma' rappreżentanti ta' Trasport Malta dwar il-*bus*

*terminus*. Huwa qal li dwar il-proposta tal-*monitors* jidher li fi Transport Malta hemm persuna fuq l-IT u kien ser jitlob appuntament biex jitkellem dwar il-proposta tal-Kunsill. Huwa qal li waqt il-laqgħa tkellmu dwar l-ilmenti tan-nies fir-rigward tal-ħinijiet tat-trasport pubbliku. Qamet diskussjoni u l-Kunsill qabel li għandu jerġa jkun hemm Bus Terminus għar-rotta 83 li għandha terġa tiġi bil-ħinijiet u ġie propost li dan isir f'Dawret it-Torri quddiem il-ħwienet. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jara li jekk jiġi fis-seħħ il-proġett tal-Football Club, il-*bus terminus* jiġi ntegrat fil-proġett.

**49.8 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**49.8.1** Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Sciberras fir-rigward ta' rotta numru 80 il-Kunsill qabel li ssir talba lill-Transport Malta biex din tibqa topera fix-xitwa wkoll.

**49.8.2** Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Sciberras dwar il-possibilta' li jitla' ħajt wara l-*bus shelter* tal-venda, il-Kunsill qabel li ssir *net* mar-*railing* eżistenti.

**49.8.3** Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Sciberras dwar il-parkeġġ li sar ħdejn il-monument tas-Simbjożi s-Sindku qal lill-*parking bays* taċ-*charging points* mhux qed jgħażilhom il-Kunsill.

**49.8.4** Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Sciberras dwar il-possibilta' li ssir *bus shelter* fi Triq Peprin il-Kunsill qabel li ssir *bus shelter* fl-ewwel *stage* fi Triq Peprin u ieħor fi Triq Peprin kantuniera ma' Triq Katerina Vitale.

**49.8.5** Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar il-possibilta' li jingħata l-*award* tal-*Honorary Citizen* lid-Direttur taċ-Ċentru Kulturali Ċiniż li wasal biex jispiċċa mill-kariga, il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Ġie deċiż li ssir attivita' fit-8 ta' Diċembru 2018 li matula jintwera d-dokumentarju tas-Sur Maurice Micallef fuq il-lampuki. Ġie deċiż ukoll li fi tmiem tal-ispettaklu, il-lokalita' tinxtegħel bid-dwal tal-Milied.

**49.8.6** Għal mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar kif mhux qed isir xogħol ta' tindif u żamma ta' ġonna fi Pjazza 7 ta' Lulju, ġie deċiż li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Kuntratturi ikkonċernati biex isir tindif estensiv taċ-ċanet, żbir tas-siġar tal-Yukka u jinqata' l-ħaxix li qed jikber fuq il-wiċċ tal-Pjazza. Rigward iż-żabra tas-siġra f'Dawret it-Torri ġie nutat li din għadha ma' nżabritx. Il-Kunsill qabel li jekk il-kuntrattur jibqa ma jiżborix għandu jitqabbad kuntrattur ieħor biex jagħmel ix-xogħol u l-ispiża titnaqqas mill-kont tal-kuntrattur preżenti.

**49.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis, 29 ta' Novembru 2018 fil-5.30p.m.

Konfermati, illum il-Ħamis, 29 ta' Novembru 2018

| | |
|---|---|
| **Terrence Ellul** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |